**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 069/2023**

**DC**

**V.**

**Crystal Finance Investments Limited (C 26761)**

**c/o Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd (C 13729)**

**Deċiżjoni Preliminari**

L-Arbitru Sostitut:

1. Ra l-ilment ddatat 16 ta' Mejju 2023 (li l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva fl-24 ta' Mejju 2023), liema lment fi ftit kliem jikkonċerna nvestimenti mal-Crystal Finance Investments Limited li jmorru lura għat-28 ta' April 2014.

2. Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz (Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd) bid-data 12 ta' Ġunju 2023, f'liema risposta fost affarijiet oħra kiteb illi:

> 'b'konformita' mal-Kapitolu 555 tal-Liġijiet ta' Malta li speċifikament jirregola l-funzjonijiet tal-Arbitru Finanzjarju, inqisu li dan l-ilment huwa ċar li għadda mill-perjodu ta' preskrizzjoni tiegħu, ġaladarba s-sentejn mil-jum li fih il-kwerelant l-ewwel kellhom għarfien tal-kwistjonijiet li dwarhom ilmentat ilhom li għaddew.'

3. Ra l-ittra tal-provditur tas-servizz bid-data 14 ta' Settembru 2023, f'liema ittra l-provditur :

(i) innota li skont l-Artikolu 21(c) tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Arbitru għandu jkollu l-kompetenza li jisma ilmenti jekk ilment ikun irreġistrat bil-miktub mal-fornitur tas-servizz mhux aktar tard minn sentejn mil-jum li fih il-kwerelant kellu l-ewwel għarfien tal-kwistjonijiet li dwarhom ikun sar l-ilment;

(ii) sostna li fid-dawl tal-fatt li l-ilmentatur kien investa u rċieva s-servizz suġġett għall-ilment fi Frar 2014 u li l-ilment kien ippreżentat lill-Kumpanija f'Marzu 2023, dan il-każ huwa preskritt;

(iii) talab li l-Arbitru Sostitut jinnota li l-ilmentatur ġie nnotifikat bin-nuqqas ta' ħlas ta' tnejn mill-bonds (8.875% Rickmers Holding 2018 u 9.5% Edcon 2018) fis-7 ta' Lulju 2017 u l-17 ta' Ġunju 2016 rispettivament.

4. Ra l-ittra tal-ilmentatriċi (tramite r-rappreżentanti legali tagħha) ddatata 28 ta' Settembru 2023, f'liema ittra l-ilmentatriċi:[1]

(i) kkonfermat li rċeviet kopja tal-ittra tal-provditur tas-servizz bid-data 14 ta' Settembru 2023;

(ii) sostniet li l-istat ta' fatti ġew a sapienza tagħha permezz ta' telefonata mas-Sinjura Roseanne Camilleri fil-5 ta' Jannar 2023 liema telefonata ġiet segwita minn laqgħa ma' l-istess Ms Camilleri nhar is-16 ta' Jannar 2023; kien biss f'dan l-istadju li kellha l-ewwel għarfien dwar il- falliment tal-bonds in kwistjoni;

(iii) sostniet li qabel Jannar 2023 id-diskors kien tali li ma jallarmax lill-investitriċi;

(iv) sostniet ukoll li meta rċeviet l-ittri tas-17 ta' Ġunju 2016 u tas-7 ta' Lulju 2017, kienet ċemplet lis-Sur John Gonzi li dak iż-żmien kien jaħdem mal-kumpanija Crystal Finance Investments Limited, u dejjem ingħatat il-parir biex tħalli l-flus fejn huma, u li ma kien hemm xejn allarmanti u / jew inkwetanti;

(v) allegat ukoll illi s-Sur Gonzi kien jassiguraha li kienet se tieħu lura l-ammont intier;

(vi) sostniet li dejjem baqgħet tirċievi *statements* in konnessjoni mal-investimenti tagħha;

(vii) sostniet ukoll li l-ittra tas-17 ta' Ġunju 2016 kienet titkellem dwar 'diffikultajiet' li wasslu għal differimenti ta' ħlasijiet tal-imgħax fuq il-*bonds*;

(viii) sostniet illi kien hemm nuqqas ta' għarfien u nuqqas ta' trasparenza min-naħħa tal-provditur tas-servizz, u t-terminu taħt il-Kap 555 jiskatta biss minn meta ngħatalha l-informazzjoni li fiż-żewġ *bonds* mertu tal-ilment hemm kwistjoni serja u stat ta' falliment;

(ix) sostniet ukoll illi wara l-informazzjoni li ngħatatilha f'Jannar 2023 ħadet azzjoni permezz ta' ittra bid-data 24 ta' Marzu 2023, għal liema ittra rċeviet risposta fit-13 ta' April 2023 u fis-16 ta' Mejju 2023 ilmentat mal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji;

(x) għamlet referenza għall-każ ASF 016/21, liema każ kien jinvolvi l-istess provditur ta' servizz;

(xi) u annettiet affidavit tagħha stess flimkien ma' kopja ta' *statement* tal-31 ta' Diċembru 2022 u ta' 1 ta' Lulju 2023, kif ukoll kopja tal-korrispondenza tal-24 ta' Marzu 2023.

5. Ra r-risposta ulterjuri tal-provditur tas-servizz tas-6 ta' Ottubru 2023, f'liema ittra:[2]

(i) rrisponda li saru numru ta' dikjarazzjonijiet li mhumiex sostanzjati, li mhumiex veritieri u li jmorru oltre l-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Speċifikament irrefera għal dak li ntqal dwar is-Sur John Gonzi, dwar in-nuqqas ta' ċarezza fil-komunikazzjonijiet u għal-livell ta' edukazzjoni tal-ilmentatriċi;

(ii) sostna li l-ittri tal-2016 u tal-2017 intbgħatu kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti, u pprovdew rappreżentazzjonijiet fattwali tas-sitwazzjoni madwar il-*bonds* in kwistjoni;

[1] Fil-qosor. Din mhix riproduzzjoni tal-ittra, iżda rijassunt tal-punti prinċipali.
[2] Dan li jsegwi huwa rijassunt tal-punti prinċipali.

(iii) sostna ulterjorament li dawn ma kienux l-uniċi kommunikazzjonijiet formali maħruġa u dan apparti l-valutazzjonijiet tal-portafoll kull tliet xhur li ndikaw bla ekwivoku l-valur tas-suq tal-istrumenti in kwistjoni;

(iv) informa lill-Arbitru Sostitut li saru mill-inqas ħames telefonati u laqgħat multipli bejn it-2017 u 2018 b'rabta mal-istatus tal-*Bonds* in kwistjoni;

(v) sostna li l-ilmentatriċi kienet ilha s-snin twal taf biċ-ċirkostanzi negattivi madwar il-*bonds*;

(vi) informa lill-Arbitru Sostitut li fid-19 ta' Ottubru 2017 ipprovda aġġornament lill-ilmentatriċi u li sa tard f'Jannar 2021 iċ-ċirkostanzi taż-żewġ *bonds* ġew diskussi wkoll mas-Sur Ivan Gaffiero f'liema żmien il-valutazzjonijiet tal-portafoll urew valur tas-suq qrib iż-żero;

(vii) u ġew annessi numru ta' dokumenti fosthom:

(a) Kommunikazzjoni (bla data) mingħand Crystal Finance Investments ndirizza *'Dear Client'* u li fiha il-klijent ġie nfurmat li il-9 ½ % Edcon (Proprietary) Ltd:2011-1.3.18 Reg-S Senior (BBML) ġew ristrutturati fi 3% K2016470219 (SOUTH AFRICA) LTD 2017-31.12.2022 REG S bir-*ratio* ta' 0.606141 għal kull *unit previously held*;
(b) *Portfolio Valuation* bid-data 30 ta' Ġunju 2018 skont liema valutazzjoni il- % *Total Return* kien ta' -98.72% fil-każ ta' Rickmers, u skont liema dokument il-*Porfolio Value* u l-*Account Value* kien ta' 168.67 Euro;
(c) *Recordings* ta' żewġ telefonati bejn l-ilmentatriċi u s-Sur John Gonzi u waħda mas-Sur Ivan Gaffiero.

6. Ra s-sottomissjonijiet ulterjuri tal-ilmentatriċi (tramite r-rappreżentanti legali tagħha) ddatata 16 ta' Ottubru 2023, f'liema ittra l-ilmentatriċi:[3]

(i) opponiet l-osservazzjoni tal-provditur tas-servizz li ma sostanzjatx l-allegazzjonijiet tagħha, li ma qalitx il-verita' rigward id-diskors tas-Sur Gonzi u li ppruvat tisgwida lill-Arbitru;

(ii) osservat li r-*recordings* li ntbatu sabiex jissostanzjaw it-teżi tal-provditur tas-servizz, li l-ilmentatriċi kienet ilha taf bil-problemi, fil-fatt jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tal-ilmentatriċi li l-provditur tas-servizz baqa' jittamaha, sa qabel Jannar 2023.

7. Talab lil-provditur tas-servizz biex iforni aktar *recordings.* Wara din it-talba ngħata erba' *recordings* oħra bid-dati 6 ta' Lulju 2018, 21 ta' Jannar 2021 (waħda kontinwazzjoni tal-oħra għaliex inqatgħet il-linja), u oħra bid-data 22 ta' Jannar 2021.

8. Permezz ta' digriet bid-data 22 ta' Novembru 2023 stieden lill-ilmentatriċi u r-rappreżentanta legali tagħha sabiex jibgħatu kwalunkwe osservazzjonijiet dwar l-aħħar erba' *recordings* f'terminu stabbilit fl-istess digriet.

[3] Fil-qosor. Din mhix riproduzzjoni tal-ittra, iżda rijassunt tal-punti prinċipali.

9. Ikkunsidra r-risposta tal-ilmentatriċi tramite r-rappreżentanti legali tagħha bid-data 23 ta' Novembru 2023, f'liema risposta:[4]

(i) sostnew li s-Sinjura DC dejjem ċemplet, wriet interess u staqsiet dwar l-investimenti tagħha u li 'qatt ħadd qatt ma qalilha li l-bonds kienu falluti u / jew li allarmawha dwar is-sitwazzjoni tagħhom';

(ii) sostnew ukoll illi kemm is-Sur Gonzi kif ukoll is-Sur Gaffiero qatt ma qatgħulha qalbha minkejja l-*issues* kif ukoll li 'mill-konverżazzjonijiet li ġew preżentati jerġa' joħroġ ċar għal darb'oħra li qatt ma ntqal xejn mir-rappreżentanti tal-kumpannijja Calamatta Cuschieri Investments Services Ltd li huwa kumpatibbli ma' nuqqas ta' fiduċja u/jew biża fir-riżultat aħħari tal-investimenti';

(iii) offrew eżempji mir-*recordings* varji biex isostnu l-ipotesi tagħhom;

(iv) sostenew ukoll illi huwa ben ċar li kien fis-16 ta' Jannar 2023 li s-Sinjura DC saret taf li ma kien hemm l-ebda tama hekk kif il-bonds in kwistjoni kienu falluti, kif intqal lilha b'mod ċar u tond mis-Sinjura Rosanne Camilleri u 'qatt ħadd qabel ma kien skjett u qalilha biex taqta qalbha. Kienet is-Sinjura Rosanne Camileri...li tkellmet ċar mal-ilmentatriċi u żewġha, stante li la Michelle Stanmore, la John Gonzi u wisq anqas Ivan Gaffiero ma kienu qatt skjetti rigward l-istat tal-finanzi u l-andament tal-istess u dak li seta' jiġri kif fil-fatt seħħ u ċioe' li l-imsemmija bonds ifallu u jintilef kollox b'mod komplet.'

10. Ikkunsidra l-artiklu 21 (1) (c) tal-Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta skont liema artiklu:

> 'Arbitru għandu jkollu wkoll il-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imġiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun seħħet wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jekk ilment jiġi reġistrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju mhux iżjed tard minn sentejn wara l-ġurnata li fiha l-persuna li tkun qed tagħmel lilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom.'

11. Ikkunsidra bir-reqqa r-risposti kollha taż-żewġ partijiet f'din il-kwistjoni, kif ukoll ir- *recordings* li ntbatulu mil-provditur tas-servizz.

12. Josserva illi:

(i) huwa minnu li l-kwistjoni ma bdietx f'Jannar tal-2023, iżda tmur lura numru ta' snin, kif ukoll illi l-*Portfolio Valuation* fl-2018 kien juri *portfolio value* ta' 168.67 Euro, jiġifieri telf sostanzjali meta wieħed jikkunsidra li l-ilmentatriċi nvestiet madwar ħmistax il-elf Euro fiż-żewġ *bonds* in kwistjoni;

(ii) huwa minnu wkoll li l-ittri tas-17 ta' Ġunju 2016 (rigward Edcon Group) kif ukoll l-ittra tas-7 ta' Lulju 2017 (rigward Rickmers Holding) indikaw l-eżistenza ta' problemi b'konnessjoni maż-żewġ investimenti. Dawn l-ittri pero' huma miktuba b'tali mod li min jaqrahom, speċjalment *lay person* jiġifieri persuna li ma taħdimx u li mhix mistħarrġa fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, faċilment jingħata mpressjoni li m'għandhiex għalfejn talarma ruħha għaliex avolja hemm it-*trouble* għad hemm it-tama. E.ż.:

> *'The Edcon Group have obtained creditor support to defer cash interest payments...The Edcon Group believes that this cash-pay interest deferral will enhance the liquidity position of the*

[4] Fil-qosor.

*Group by allowing it to have R1.6 billion and will allow the Group to prioritize investments around its ongoing operational turnaround and long term growth'.*[5]

*'Once we receive further details...we will communicate this accordingly. No further action is required at this stage and for any further information please contact your Investment Advisor.'*[6]

(iii) ir-*recordings* huma partikolarment informattivi:

<u>Ir-*recording* tat-13 ta Lulju 2017:</u>[7]

| | |
|---|---|
| **John Gonzi**: | Ir-Rickmers għaddejja minn restructuring u għada mhux konkluza, iġifieri dawn late September ha jerġaw jiltaqaw il-bord biex jaraw eżattament, għax kien hemm min kien interessat jixtri il-kumpanija, ir-Rickemers u anki xi banek. Iġifieri aħna ovjament meta xi ħaġa bhal din tiġri, aħna l-ewwel ħaġa ninformaw il-klijent. |
| [omissis] | |
| **CC:** | Issa aħna kelna wieħed li ma ħallas xejn interessi sewwa ? Issa żdied ieħor bil-problema ? |
| **John Gonzi:** | Issa, dan hemm Rickmers, li għamel restructuring, din ħabba dil-kumpanija taż-żejt affetwat is-shipping mhux Rickmers biss. |
| **CC:** | Xi ħaga oħra ġdida din mhux tad-darba l-oħra ? |
| **John Gonzi:** | Le, din oħra din ohra, qed tifhimni inti ? Issa, aħna once li dan ma jħallasx imgħax, ahna bilfors ikonna nitfawh għal rasu, biex imbagħad nibdew nittekiljawom wieħed wieħed mhux bħala pakkett. Issa, l- imgħax li rċeviet is-sinjura huwa fuq dawk iż-żewġ bonds l-oħrajn. |
| [omissis] | |
| **CC:** | Mela voldiri, aħna għadna problema ma wieħed minnom tiftakar? |
| **John Gonzi:** | L-Edcon, għax dawk kienu maqsumin f'erbgħa. |
| **CC:** | Eee, kienu maqsumin f'erbgħa |
| **John Gonzi:** | Iva, għal grazzja t'alla kienu maqsumin f'erbgħa |
| **CC:** | Sewwa voldiri, tas-sena l-oħra u xi ħadd ieħor miegħu ġew bil-problema |
| **John Gonzi:** | Iva, iva |
| **CC:** | U tnejn minnom untouchable, ma ġralhom xejn ? |
| **John Gonzi:** | Eżattament |

[5] Ittra tas-17 ta' Ġunju 2016.
[6] Ittra tas-7 ta' Lulju 2017.
[7] Siltiet relevanti.

| | |
|---|---|
| **CC:** | Sewwa sewwa |
| **John Gonzi:** | Issa, inti trid tejd ara, ovjament aħna ħa nżommukom infurmati eżattament fuq din tar-Rickmers, għax dik hija kumpanija kbira ħafna tar-Rickmers, dawn kienu ħa jiġu fi ftehim u kollox kien mixi tajjeb, fl-aħar minuta wieħed mid-diretturi sort of ma qabilx mal-banek u once li għamel hekk il-kumpanija ma setgħetx tħallas l-imgħax. Issa x'qed jigri huwa, mhuwix the end of the story, dawn f'September ha jerġgħu jiltaqaw u ħa jerġaw jagħmlu negotiation. |
| **CC:** | Ikollom l-Annual Meeting tagħhom |
| **John Gonzi:** | Eżattament |
| **John Gonzi:** | Issa irridu naraw eżattament x' se jiġri f'Settembru li ġej. |
| **CC:** | Forsi f'Settembru jerġaw jirranġaw |

[omissis]

| | |
|---|---|
| **CC:** | Issa voldiri, ma ġara xejn, imma huma bħala kapital mhemmx inkwiet qatt ? |
| **John Gonzi:** | Ismani, irridu naraw kif ha tiżvolġi l-affari, it-tnejn li huma għaddejjin restructuring, qisu l-għarr għadda. Issa irridu nirranġaw is-sitwazzjoni, dik li rridu nagħmlu Sur CC. |
| **CC:** | Orrajt |
| **John Gonzi:** | Ha nzommukom infurmati |
| **CC:** | Ok hi, orrajt |
| **John Gonzi:** | Għidilha sorry, naf li cemplet darbtejn dalgħodu, qed incemplu il-klijenti |
| **CC to DC:** | Qallek, jaf tircevihom, jaf le, logħba |
| **John Gonzi:** | Iva, ejja naraw, ejja naraw, ħa nkelmuk. |
| **CC:** | Orrajt |
| **John Gonzi:** | Grazzi, għidilha ma toqgħodx tippanikja għalissa |

Ir-*recording* tad-19 ta' Ottubru 2017:[8]

| | |
|---|---|
| **CC:** | Dik ma kellhiex, għalli jista jkun il-kont tiftakar, kellha kont u ma kinux tagħhom interessi imbgħad inti kont ettilna, bagħtulna ittra li forsi f Settembru jista jkun hemm xi żviluppi. |

[omissis]

[8] Siltiet.

**CC:** Imbgħad kien hemm xi wieħed minnhom ma kienx qed jagħtikom interessi

**John Gonzi:** Le, għadha għaddejja il-qorti dik, tar-Rickmers

**CC:** Fuq dik, imbgħad bagħtulha ittra li f'Settembru jaf ikun hemm xi żvilupp

**John Gonzi:** Skużani, issa għax tħalt fis-sistema

**CC:** Sissa m'hemm xejn żvilupp fuqa dik ?

**John Gonzi:** Għadna m'hemmx żvilupp. Għadna il-qorti sfortunatament.

**CC:** Ijja ? ħażin

**John Gonzi:** Ijja, le imma naraw kif ha tiżvolġi u, ir-Rickmers.

**CC:** Voldiri, ma rriżulta xejn sissa minn Settembru jekk kellu jirriżulta xi ħaġa ?

**John Gonzi:** Emminni, qed nagħmlu minn kollox biex naraw, ħa nsolvu il-problemi

**CC:** Mmm, mmm

**John Gonzi:** Issa naraw, imma grazzi talli ċempilt Sur CC. Sewwa għamiltu, sewwa għamiltu

**CC:** F'Settembru għadna ma smajna xejn u issa Ottubru kwazi għadda, għidna ħa nċemplu waħda għalli jista jkun

**John Gonzi:** Le, le sewwa tagħmlu, xi kultant ċemplu meta tridu

**CC:** Voldiri ma tgħidx hemm xi ħjiel għal meta jew forsi jew hekk.

**John Gonzi:** Le, le, taf inti, meta titħol il-qorti qisek…

**CC:** Meta titħol il-qorti ma tafx meta

<u>Ir-*recording* tas-6 ta' Lulju 2018:</u>[9]

Mrs DC lmentat li ilha ġurnata tipprova taqbad ma Michelle Stanmore u fl-aħħar kellimha is-Sur John Gonzi. Mrs DC qaltlu li l-kont se jagħlaq fis-7 ta' Lulju, staqsietu dwar il-bilanċ u rrispondiha li għandhom problema bis-sistema u ma setax jirrispondiha. Għarrafha wkoll li Rickmers għadhom il-qorti, li se tirċievi dawk li mmaturaw, li Michelle Stanmore il-ġimgħa d-dieħla tkellimha dwar l-oħrajn. Speċifikament qalilha li l-ġimgħa ta' wara tkun tista taqbadha.

Mrs DC reġgħet saqsietu l-ammont ta' flus li se jibgħatulha kemm hu u s-Sur Gonzi rrisponda li ma setax jirrispondiha għaliex is-sistema mhix taħdem iżda se tieħu dawk fejn m'hemmx problema. Qalilha wkoll li jżommha nfurmata dwar l-oħrajn, li qed jaħdmu fuqhom, biex ma tinkwetax, qiegħedin il-qorti jagħmlu restructuring.

[9] Din hija l-*gist* tal-konverżazzjoni telefonika.

Rigward il-bilanċ Mr Gonzi staqsiha tafx kemm hu u Mrs DC rrispondiet li madwar 15,000. Rrispondiha li 14850 dawk fid-9 ta' Lulju 'jekk il-Bambin irid' jibgħatuhomlha. Mrs DC qaltlu 'bla interessi?' u hu rrispondiha fl-affermattiv.

Umbad is-Sur Gonzi kellem lil Mr DC li qallu li kienu nbiegħu bi prezz *discounted* u rata ta' interessi aktar baxx, iżda 'forsi jistgħu jitjiebu'. Għal din tal-aħħar is-Sur Gonzi rrisponda 'eżatt ehe'.

<u>Ir-*recording* tal-20 ta' Jannar 2021:</u>[10]

| | |
|---|---|
| **Ivan Gaffiero:** | Jien jisimni Ivan Gaffiero, mil-uffiċċju tal-Mosta hawnhekk |
| [omissis] | |
| **DC:** | U għandi zewg kontijiet, kien qalli wieħed qegħdin maqbudin bil-qorti, dawk x'sar minnom ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Ifhimni dawk għadhom m'hemm xejn alissa, voldiri, m'hemmx xi ħaġa likwida li inti tista tieħu bil-malti |
| **DC:** | Il-maria santi.. |
| **Ivan Gaffiero:** | Baqaw kif inhuma dawk, fuq dak l-iktar li għandek inti, għax l-oħra m'hemm xejn voldiri |
| **DC:** | Jien għandi xi 7000 u ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Le, imma dak m'hemm xejn bħalissa, bħala valur qabel ikun hemm, kif tgħid, ezitu ta' dil-ħaġa kif kienu kelmuk |
| **DC:** | Imma il-qorti kif baqgħu ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Għadha ma nbidlitx, hija dik li hija. Aħna ma nkunux nafu ifhimni, dawn jgħidulna, għax din mhux xi ħaġa lokali, din xi ħaġa minn barra qed tifhimni ? |
| **DC:** | Ehe, ehe. Iġifieri f'kelma ohra ħa nibqa mingħajrom dawn ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Għalissa iva. Aħna kif ikonna, ifhimni informazzjoni… |
| **CC:** | Hello Mr, ir-raġel jiena |
| **Ivan Gaffiero:** | Hello, Ivan Gaffiero jiena |
| [omissis] | |
| **CC:** | Issa l-aħħar darba bagħtulha statement lilha |
| **Ivan Gaffiero:** | Orrajt, ehe |
| **CC:** | Id-date 1-1 ta' dis-sena |

[10] Siltiet

| | |
|---|---|
| **Ivan Gaffiero:** | Ehe ? |
| **CC:** | Li jejdilha voldiri li għandha 7653 mar-Rickmers u l-ieħor 4000 |
| **Ivan Gaffiero:** | Imma quantity ta' dak, kwantita dik |
| **CC:** | Għax huma kienu ħmistax il-elf kellha din, kellha sebgħa t'elef ma wieħed u sebgħa t'elef ma wieħed u dak Gonzi kien jejdilha wieħed bil-problema mal-qorti sewwa ? U l-ieħor b' xi problema taż-żejt kien jejd. U voldiri, dawn issa m'hemm xejn żviluppi minnhom għax dawn ilna xi tlett snin ta' biha dil-problema kienu għadhom… Crystal Investments |
| **Ivan Gaffiero:** | Dawn ikunu sitwazzjonijiet, ħa nejdlek, li jekk ma jkunx hemm żviluppi, is-sitwazzjoni tibqa kif hija |
| **CC:** | Ġifiri bħalissa s-sitwazzjoni prezenta zero qedgħa voldiri ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Iva, ezatt ezatt |
| **CC:** | Ġifiri minn ħmistax il-elf, zero ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Bħalissa, iva |
| **CC:** | Allura kif jidhru f'dal statement hekk ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Imma dak jidhru, ħa nejdlek kif jidhru, minus jidhru jekk tarhom |
| **CC:** | E, wieħed minnom minus, iva qiegħed |
| **Ivan Gaffiero:** | Bil-minus jidher għalhekk, ġifiri mhux plus bl-aħmar. |
| **CC:** | Dan li kien tal-qorti bil-minus ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Eżatt, eżatt hekk huwa |
| **CC:** | Voldiri, dak għadu mixi il-process jew voldiri wieqaf ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Niċċekjaw fuqha għax din kif għidtlek dawn xi ħaġa minn barra minn Malta u ġieli qas l-informazzjoni ma jaddulna, il-problema hija. Aħna kif ġa għidt lis-sinjura, kif ikonna xi ħaġa, aħna ovjament m'hemmx hija biss u ifhimni, m'hemmx intom biss, navżaw il-klijenti kollha f'dak il każ. |
| **CC:** | Imma voldiri, fuq il-każ l-ieħor x'sar minnom, tal-qorti ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Mela, l-Edcon, dawn niċċekjalek fuqhom ngħidlek il-verita. |
| **CC:** | Edcon South Africa |
| **Ivan Gaffiero:** | Dak irrid niċċekjalek fuqhom ta',ħa nara s-sitwazzjoni kif inhi eżatt. |

| | |
|---|---|
| **CC:** | Voldiri, inti ma jista' ikun hemm qatt żviluppi taħseb dawn ? Għax dan kien qalilna lilna Gonzi, li aħjar tħalluhom għax jista ma żmien jirranġa xi ħaġa |
| **Ivan Gaffiero:** | Le dik hi, ħa ngħidlek, imbilli tiġbed, qed tifhimni |
| **CC:** | Inti tista tiġbed xi ħaġa, jew ma tista tiġbed xejn ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Xejn xejn, m'hemm xejn li tista' tiġbed, le ta' |
| **CC:** | Qishom mitlufin għalissa |
| **Ivan Gaffiero:** | Għalissa. Bħalissa s-sitwazzjoni hi dik li hi. |
| **CC:** | Għalissa question mark. Jista jkun hemm żviluppi voldiri jew m'hemmx tama ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Jien naralek ta' voldiri, qed nitħol daqxejn fiha, ifhimni rrid nara mhux naqbad u ngħidlek hekk, imma l-affarijiet la ma nbidlux, aħna dejjem jgħidulna l-informazzjoni u juppdatjawna |
| **CC:** | Iva, iva imma ħeqq…għalhekk l-aħħar statement dan li bagħatulna lilna, li qed nejdlek jien. |
| **Ivan Gaffiero:** | Ezatt, ezatt. Għalissa kollox għadu kif inhuwa. Qed tifħem ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Jiena ħa niċċekjalek fuq tal-ieħor. Filkaz nerġa nkelimkom. |
| **CC:** | Voldiri l-problema naħseb, kien hemm ħafna nies magħna dawn ? |
| **Ivan Gaffiero:** | Ifhimni, hekk huwa. Dan mhux hemm biss inti, din mhux xi ħaga intom. |
| **CC:** | Iva, imma affarijiet li ħadd ma jieħu pjacir bihom dawn l-affarijiet. |
| **Ivan Gaffiero:** | Kulħadd tiegħu iħoss |
| **CC:** | Heqq, mhux ovja |
| **Ivan Gaffiero:** | Jekk noqorsok, ha tgħidli ah, ovja |
| **CC:** | Imma aħna dejjem kienet bit-tagħma li ħa jitrangaw l-affarijiet qisu kienet. Ma kienx hemm dik fehma kif qed tgħidilna inti li m'hemmx tama. |
| **Ivan Gaffiero:** | Le, mhux qed ngħidlek hekk jien |
| **CC:** | Hekk qisek qed tgħid minn diskorsok inti |
| **Ivan Gaffiero:** | Jien qed ngħidlek, l-affarijiet irrid narahom sewwa l-ewwel |
| **Ivan Gaffiero:** | Jekk ħa jkun hemm xi tibdil, tajjeb u ħazin, il-kumpanija ha tgħidilkom |

**CC:** U din, inti taħseb li wieħed għandu jmur ghand l-arbitraġġ din biha, din il-problema

**Ivan Gaffiero:** Ha ngħidlek, jiena mhux ngħidlek x'tagħmel u ma tagħmilx….

**CC:** Qisek qed tħallini…

**Ivan Gaffiero:** Le le, inti għandek dritt..id-dritt għal arbitraġġ huwa f'idejk. Jien mhux ħa ngħidlek tmurx jew tmur, ma tarax. Dak huwa dritt tiegħek x'tagħmel…

**CC:** Le le, mhux hekk, dażgur

**Ivan Gaffiero:** Dak huwa dritt tiegħek

**CC:** U jekk tgħidli, forsi hemm tama, hemm xi ħaga, jekk m'hemmx tama, ma nafx kif taqbad tgħid

**Ivan Gaffiero:** Le le naf, għandek ragun

[omissis]

**CC:** Hallina bit-tama Gonzi, ħa ngħid hekk

**Ivan Gaffiero:** Inti jimporta nerġa nċempillek Sur CC, ħalli nara dawk u nitkelmu

**CC:** Orrajt, erġa ċemplilna. Ha ntik in-number, 99841890

**Ivan Gaffiero:** Nkelmek ta', tajjeb ?

**CC:** Orrajt hi, orrajt

**Ivan Gaffiero:** Thank you, ta'

**CC:** Caw

**Ivan Gaffiero:** Caw, caw

<u>Ir-*recordings* tal-21 ta' Jannar 2021[11]</u>

Jidher li s-Sur Ivan Gaffiero ċempel hu lis-Sinjuri C għarrafħom li s-sitwazzjoni għadha ma nbidlitx, li f'każijiet simili l-affarijiet idumu, iddum biex tinqata', li jidħlu ċertu qrati, tribunali, u t-tqassim idum biex isir, iridu jaraw eżatti min kellu x'jieħu, x'jagħti, umbad wara jiddeċiedu kif se titqassmu.

Għal din l-ispjegazzjoni Mrs DC staqsietu speċifikament 'Imma taħseb li nitlifħom Ivan?' u għal din id-domanda rrisponda li ma jistax jgħidilha la iva u lanqas le.

Mrs DC qaltlu li s-Sur Gonzi kien jgħidilhom biex iħalluhom hemm u l-affarijiet jistgħu jitjiebu; għal dan il-kumment is-Sur Gaffiero qalilha li din hija possibilta' wkoll.

[11] Din ukoll hija l-*gist* tal-konverżazzjoni telefonika

Is-Sur Gaffiero qalilha speċifikament li meta kumpanija tmur ħażin, 'tfalli bil-Malti' ma jfisirx li ma jkollhiex l-assi, tbiegħhom, minn dak li tiġbor tqassam. Qalilha wkoll li dawn l-affarijiet jieħdu ż-żmien imma assiguraha li tajjeb jew ħażin, jinfurmaha.

Ir-*recording* tal-22 ta' Jannar 2021:

| | |
|---|---|
| **Ivan Gaffiero** | Hello, Calamatta Cuschieri. |
| **DC** | Hello, Ivan. Aw DC erġajt ċempiltlek. Tgħidlix għax ħa ikun fitta. Bonġu. |
| **Ivan Gaffiero** | Le le ma tarax. |
| **DC** | Isma ħa ngħidlek, għax ilbieraħ qed ngħid ir-raġel fuq li għidtli inti u qalli fuq il-kont iż-żgħir ta' 4000.. Aħna kellna xi ħaġa miktuba li kienu qalulna li dawk ħa jalqu 2022 |
| **Ivan Gaffiero** | 22, l-Edcon |
| **DC** | Ehe, ġifiri dawk ħa jalqu 2022? |
| **Ivan Gaffiero** | Huma dawk, il-kumpanija ukoll hemm xi nkwiet fuqħa dik. |
| **DC** | Ukoll? |
| **Ivan Gaffiero** | Iva, imma tafu suppost. |
| **CC** | Bonġu, għax dik l-aħħar darba kellna ittini risposta fuq l-ewwel waħda, mhux fuq tal-qorti għax tal-qorti nafu bija li jla u li tihu naqa fit-tul. |
| **Ivan Gaffiero** | Ehhh alright. |
| **CC** | Inti kellek tiċċekjalna fuq 7000 l-oħra, issa il 7000 l-oħra nafu. 3 snin ilu Gonzi kien qallilna li il-kumpanija biegħet is-sħares tagħħa lil-kumpanija l-oħra |
| **Ivan Gaffiero** | L-Edcon uwx? |
| **CC** | Bil-0.66 minflok bil-1, allura minn 7000 gew 4500. Is somma ġiet 4500 minflokk 7000 għax niżlu |
| **Ivan Gaffiero** | Eżatt. |
| **CC** | Issa imbgħad kien qalillna li dawn mhux ħa ituk interessi, ħa jiżdidu mal-kapital sa 2022 qallilna. Qallilna għalissa ma tmissuhomx sa 2022 sa Lujlu, xi ħaġa ta' Lujlu. |
| **Ivan Gaffiero** | Le, sa Diċembru |
| **CC** | 9th July hemm xi ħaġa kellna ta' |

**Ivan Gaffiero** Jiena id-data li andi 31st December 2022

**CC** Da ħawn mela ikunu closing date?

**Ivan Gaffiero** Closing date trid tkun eżatt. Issa voldiri sa dakiniħar jiena ma nafx x'ħa jiġri 2022.

**CC** Għadek ma tafx x'ħa jiġri?

**Ivan Gaffiero** Of course li le, qas għada ma naf x'ħa jiġri.

**CC** Voldiri qas dawn m' hemm garanzijja fuqom?

**Ivan Gaffiero** Ħa nitkellem ċar mieghek. Jhekk illum tixtri bond, ħa nitkellmu xi ħaġa oħra. Tixtri bond illum ta kumpanija.

**CC** U jinżlu huwx?

**Ivan Gaffiero** Le, le ħa ntik tal-Corinthia eżempju u tixtri bond minn hawn u 10 snin oħra.. Ehe, inti suppost tħallas mija u tihu mija lura pero m'hemm l-ebda garanzija, l-iktar hekk ma ikunx secured! Allura jiena ma nistax ngħidlek li sa 10 snin oħra ħa toħodom, jiena nista ngħidlek ehe dil-kumpanija soda għanda ċertu…

**CC** Din tidher soda dil-kumpanija, aħjar min ta qabel.

**Ivan Gaffiero** Liem hija, L'Edcon uwx?

**CC** Dik li xtraw is-shares ta' l-oħra.

**Ivan Gaffiero** Ħa ngħidlek, pero bħalissa il-valur tagħhom huwa baxx ukoll.

**CC** Sewwa baxx, uwijja imma dawk qed tigbidom issa imma, jekk jigi għal closing date jibqaw baxxi?

**Ivan Gaffiero** Dik ma nistax ngħidlek.

**CC** Hekk dik ma tistax.

**CC** Mhux ġifiri jibqa dak l-ammont żgur il-4500

**Ivan Gaffiero** Le, ma nistax ngħidlek..

**CC** Jista jilgħab ukoll?

**Ivan Gaffiero** Eżatt, hekk hu.

**CC** Imma hekk ikun voldiri l-ammont jibqa 4500 ezempju…

**Ivan Gaffiero** Jekk ħa ngħidlek iċ-ċirkustanzi huma tajbin tal-kumpanija biex tħallas 4500, 4500 tihu lura fil 2022

**CC** U l interessi voldiri, li qallilna li ħa jizdidiu magħhom dak mhux sa jkunu qegħdin jizdidu magħhom?

**Ivan Gaffiero** Hawnhekk m' għandix indikazjoni li qed jizdid.

**CC** Jiena dejjem qed nghid x'kien qallilna l advisor tagħha. Issa hekk l advisor kien qed jigdeb, qed nigdeb jien.

**Ivan Gaffiero** Le le, ma tarax

**CC** Imma hekk kienet il bicca tax-xogħol, ġifiri daw kien qalilna konna accetajna li daw min 7000 jigu 4500 bħal kif ngħidu m'hemmx x'tagħmel la marret ħazin, imma daw il 4500 zguraħmona l-interessi li noħduwom fil-2022 qed tiprova tifimni? Ma stajnix insalvu 10,000 alinqas niprovaw insalvaw 5000.

**Ivan Gaffiero** Inti bħalissa is-sitwazjoni dik li hija voldiri. Inti statements tircievu tagħna huwx?

**CC** Iva imma, dak għamilna zball aħna li nircivuwom bl-emails, qabel konna nircivom fuq karta u daz-zmien nircivuwom by email. Għax email ma tkunx komda. Għalekk dejjem aħjar kieku nircivuwom b'karta

**Ivan Gaffiero** Le imma..

**CC** Le, imma aħjar b'karta

**Ivan Gaffiero** Dik statement normali eh dik.

**CC** Iva iva, l-aħħar wieħed semmejtlek kemm hemm, l-aħħar statement għidtlek kif qiegħed, hemm dak tal-qorti qiegħed bil-minus kif għidt inti tal 7500, u dawn tal 4532 xi ħaġa, dawn ma jidrux bil-minus imma.

**Ivan Gaffiero** Ħa nara xi ħaġa ta'.

**CC** Ma jidrux f'lis-statement daw.

**Ivan Gaffiero** Le, imma il valur tagħhom kif jidher, inti fuq lis-statement kif qed tarah?

**CC** Le bħalissa mhux qihed quddiemi, imma memx minus jider.. il valur naqas.. il valur tas share niżel uwx?

**Ivan Gaffiero** Il valur ta' huma inifisom bħalissa huwa.. niżel

**CC** Niżel ħafna?

**Ivan Gaffiero** Niżel ħafna.

**CC** Iva iva, imma dak kif qed ngħidu fuq bond inti.. Inti sakemm ikollok il maturity date jista jitla ħafna jew jinżel ħafna

**Ivan Gaffiero** Ijwaa, jista jitla u iħallas jew jinżel u ma iħallasx

| | |
|---|---|
| **CC** | Mal-maturity date imbgħad irridu nitkellmu. |
| **Ivan Gaffiero** | Għadni ma nafx x'ħa jiġri.. |
| **CC** | Inti hekk qed tgħidilna inti, pero Gonzi kien qallilna li mal-maturity date il-4500 kwazi zguri, qed tifimni? Għalekk kien qallilna inħalluwom hemm. Qallilna ax dak ħa niħduwom kwazi zgur allura għadna ejja alinqas xi ħaġa ħa nihdu min dik il-kwantita. |
| **Ivan Gaffiero** | Ħa ngħidlek, ahna irridu nistennew sa dik id-data |
| **CC** | Imbgħad ħa jkollna nitkellmu fuq dik id-data |
| **Ivan Gaffiero** | Eżatt, imbgħdt nitkellmu fuq dik id-data |
| **Ivan Gaffiero** | Li ngħidlek issa zgur, mhux zgur uwhekk.. |
| **CC** | Mela ġifiri inti għalissa ma tistax titkellem inti ax jistgħu jitilgħu u jinzlu |
| **Ivan Gaffiero** | Mhux hekk il prezz tagħhom huwx. |
| **CC** | Imma voldiri issa inti gejt officjament, inti responsabli b'din is-sittwazzjoni, ġifiri miegħek irridu insolvuwa din il-problema |
| **Ivan Gaffiero** | Eżatt, kemm titkellmu miegħi |

13. Jikkonkludi illi:

(i) m'hemmx dubju li s-Sur Gonzi baqa' jittama lill-ilmentatriċi kif ukoll lir-raġel tagħha. Id-diskors 'irridu naraw kif se tisvolġi l-affari, t-tnejn li huma għaddejjin restructuring, l-agħar għadda, issa rridu nirranġaw is-sitwazzjoni dik li rridu nagħmlu Sur CC...', u 'Għidilha ma toqgħodx tippenikja għalissa' huwa diskors ta' tama li l-affarijiet kapaċi jitranġaw. Dment li baqa' jittamahom ħadd ma jista' jlumhom li baqgħu jistennew u li straħu fuq kliemu. Lanqas ma jista' jippretendi l-provditur tas-servizz li minn naħħa waħda jittamahom u min-naħħa l-oħra meta jaqbillu jqajjem il-presrkrizzjoni;

(ii) is-sitwazzjoni pero' nbidlet meta daħal is-Sur Ivan Gaffiero fl-istorja minflok is-Sur Gonzi. Lill-ilmentatriċi u lir-raġel tagħha[12] kkonferma li Rickmers kienet *in liquidation* għaliex kienet falliet, u li l-*bonds* ta' Edcon kienu nbiegħu bi prezz skontat, u li xejn ma kien garantit, la li jieħdu xi ħaġa lura mir-Rickmers u lanqas li l-valur tad-*discounted bonds* tal-Edcon ma kien fiss u li jittieħdu lura meta l-*bonds* jimmaturaw. Is-Sur Gaffiero, fil-waqt li pprova jimmeniġja s-sitwazzjoni mill-aħjar li seta', lill-ilmentatriċi u lir-raġel tagħha ma ħbielhomx il-verita'. Meta per eżempju qalilhom li jaraw fil-*maturity date* tal-*bonds* tal-Edcon kemm jieħdu mill-erbat elef Euro[13], ma kienx qiegħed jittamahom iżda kien qiegħed igħidilhom stat ta' fatt jiġifieri li fil-*maturity date* ikunu jafu l-aħħar valur tal-*bonds* in kwistjoni. Jista' jkun li s-Sinjuri C ma fhemux <u>l-implikazzjonijiet</u> ta' l-istennar sad-data tal-maturita' tal-*bonds* imma l-fatti kienu jafuhom u ma kien hemm xejn xi jżommhom, f'sitwazzjoni daqshekk prekarja, milli

---

[12] Is-Sur CC mhux ilmentatur f'dan il-każ, iżda mir-*recordings* joħroġ ċar li ħa sehem attiv f'din l-istorja, flimkien ma' martu. Fil-fatt ħafna drabi kienet tgħaddilu t-telefon hija stess u b'hekk kienet tawtorizzah jitkellem f'isimha. M'hemmx dubju li hi kienet tkun taf x'kien qed jingħad fuq it-telefon u għalhekk, kliem u għemil is-Sur CC jgħoddu għas-Sinjura DC wkoll.

[13] Figura approssimattiva.

jieħdu parir professjonali indipendenti, jew li jqajmu l-punti prinċipali tal-ilment eventwali tagħhom f'dak l-stadju[14] permezz ta' lment taħt il-Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta. Min-naħħa tas-Sur Gaffiero, meta qabel mas-Sur CC li jistennew sal-*maturity* għaliex fuq kollox is-Sur CC semmielu l-*maturity date* fil-konverżazzjoni telefonika, b'daqshekk ma kienx qiegħed jittamahom lis-Sinjuri C jew jagħtihom parir biex jistennew sal-*maturity date,* jew jgħidilhom biex jistennew sal-*maturity date* biex jieħdu xi forma ta' azzjoni inkluż taħt il-liġi Kap 555. Fil-waqt li f'Jannar 2021 Mr Gaffiero ma setax jobsor x'se jkun l-eżitu ta' din is-sitwazzjoni fl-2022, fehemhom sew partikolarment lis-Sur CC x'kienet is-sitwazzjoni jiġifieri li Rickmers kienet falliet u li l-Edcon wara li tilfu parti sostanzjali mil-valur tal-*bonds* lanqas id-differenza ma kienet garantita, u m'hemmx dubju li s-Sur CC fehem sew li s-sitwazzjoni kienet ferm aktar prekarja fil-2021 milli kien qalilhom is-Sur John Gonzi snin qabel. Peress li s-Sinjura DC kienet tqabbad lir-raġel tagħha jitkellem għaliha allura dak li qalu lilu qaluh lilha wkoll, u li dak li jgħodd għalih jgħodd għaliha wkoll;

(iii) l-ilmentatriċi u r-raġel tagħha fhemu s-sitwazzjoni iżda għażlu li jistennew sa' Diċembru 2022 biex jaraw forsi, fi kliemhom stess, forsi jieħdu xi ħaġa mad-*date of maturity* tal-Edcon *bonds*. Baqgħu jittamaw, u ma ħadux azzjoni, avolja kienu ben informati f'Jannar 2021 dwar x'kienet is-sitwazzjoni fejn jikkonċerna kemm ir-Rickmers kif ukoll l-Edcon *bonds*. **Il-konverżazzjoni telefonika tat-22 ta' Jannar 2021 hija evidenza ta' dan** u jekk kien hemm xi ħjiel qabel din id-data li forsi l-provditur tas-servizz ma kienx ċar fid-diskors, jew li baqa' jittamahom, jew agħar minn hekk li żgwidahom, dan kollu sfaxxa fit-22 ta' Jannar 2021;

(iv) li l-perjodu ta' sentejn (art. 22 ta' Kap 555) beda jiskatta minn dakinhar jiġifieri mit-22 ta' Jannar 2021 għaliex dakinhar żgur li kienu fehmu s-sitwazzjoni prekarja tal-investimenti in kwistjoni u dakinhar is-Sur Gaffiero spjegalhom sew is-sitwazzjoni kif kienet u r-riskji x'kienu. Isegwi allura li meta l-ilmentaturi ħadu azzjoni permezz tal-ittra tal-24 ta' Marzu 2023, kien tard wisq għaliex il-perjodu ta' sentejn kien laħaq għadda u

(v) għaldaqstant **jilqa'** l-eċċezzjoni preliminari tal-provditur tas-servizz u fid-dawl ta' dan jiddikjara li mhux se jieħu aktar konjizzjoni ta' dan l-ilment.

Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

Dr Ivan Mifsud

Arbitru Sostitut

5 ta' Diċembru 2023

[14] Il-punti prinċipali kienu jinkludu bejgħ ta' *high risk bond* meta l-ilmentatriċi riedet *bond* fis-sikur, eċċ.